



C/2025/5565

27.10.2025

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Sąd Okręgowy w Opolu (il-Polonja) fis-27 ta' Ġunju
2025 – OKL vs Powszechnej Kasie Oszczędności Bankowi Polskiemu S.A.**

(Kawża C-429/25, Grąbowski ⁽¹⁾)

(C/2025/5565)

Lingwa tal-kawża: il-Pollakk

Qorti tar-rinviju

Sąd Okręgowy w Opolu

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: OKL

Konvenut: Powszechna Kasa Oszczędności Bank Polski S.A.

Domanda preliminari

L-Artikolu 6(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE tal-5 ta' April 1993 dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur ⁽²⁾ kif ukoll l-Artikolu 23 moqri flimkien mal-Artikolu 10(2) tad-Direttiva 2008/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2008 dwar ftehim ta' kreditu għall-konsumatur u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 87/102/KEE ⁽³⁾ għandhom jiġu interpretati fis-sens li, fil-każ fejn, f'kawża dwar l-applikazzjoni, għal kuntratt ta' kreditu għall-konsumatur, ta' sanzjoni minħabba ksur tal-obbligu ta' informazzjoni, introdotta minn leġiżlazzjoni nazzjonali fl-ordinament ġuridiku ta' Stat Membru fuq il-bażi tal-Artikolu 23 flimkien mal-Artikolu 10(2) tad-Direttiva 2008/48, qorti kellha tikkonstata r-raġuni għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jintroduċu, fl-ordinament ġuridiku tal-Istat Membru, sanzjoni għal klawżoli inġusti f'kuntratti konklużi minn bejjiegħ jew fornitur ma' konsumatur taħt l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 93/13 fir-rigward ta' dispożizzjonijiet kuntrattwali suġġetti għall-obbligu ta' informazzjoni msemmi iktar 'il fuq, dan huwa nuqqas ta' bażi għall-applikazzjoni tas-sanzjoni għal ksur tal-obbligu ta' informazzjoni, introdotta minn leġiżlazzjoni nazzjonali fl-ordinament ġuridiku tal-Istat Membru fuq il-bażi tal-Artikolu 23 flimkien mal-Artikolu 10(2) tad-Direttiva 2008/48?

⁽¹⁾ L-isem ta' din il-kawża huwa fittizju. Dan l-isem ma jikkorrispondi għall-isem reali ta' ebda waħda mill-partijiet fil-proċedura.

⁽²⁾ ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 288, rettifika fil-ĠU 2023, L 17, p. 100.

⁽³⁾ ĠU 2008, L 133, p. 66, rettifika fil-ĠU 2009, L 207, p. 14, ĠU 2010, L 199, p. 40, u fil-ĠU 2011, L 234, p. 46.